FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 17 TA' FRAR 2016

Il-Pulizija

Spettur Luke Bonello

vs

Alan Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 416780M akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-11 u it-12 ta' Novembru 2011, gewwa l-Klub tal-Bocci ta' San Gwann:

1. minghajr hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Shawn Joseph Aquilina detentur ta' karta ta' identita' 0390984M flimkien ma nies ohra, hebbew ghalih u ikkagunalu feriti ta' natura gravi skond kif iccertifikat mit-tabib Dorienne Bigeni 5272 MD;
2. talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma nies ohra, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma izjed minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);
3. kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Issibu hati tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza. It-tielet akkuza hi preskritta

Rat L-Artikoli 216, 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Tiddeciedi: Li tikkundannah ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lil imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat